MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 179/1999/1

Gaps Spares and Services Limited .

vs

Visage Limited .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet :
Illi Visage Limited permezz ta' citazzjoni numru mitejn tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (200/1998 G1 - PC) fl-ismijiet "Visage Limited versus Gaps Spares and Services Limited" ipprezentata quddiem dina l-Qorti kontra r-ritrattanti wara li ppremettiet falzament li hija kreditrici tal-istess Gaps Spares and Services Limited fis-somma ta' hamest elef, mija u tmenin lira maltin u tlieta u hamsin centezmu (**Lm5180.53**) prezz ta' medicinali, toiletries u oggetti ohra affini, mibjugha u kkunsenjati lill-istess socjeta konvenuta mis-socjeta' attrici; li s-socjeta

konvenuta baqghet morusa fil-pagament u inadempjenti minkejja li giet interpellata diversi drabi ghal dan il-fini; u li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut; talbet li l-istess socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, mija u tmenin lira maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm5180.53) fuq imsemmija, prezz ta' medicinali, toiletries u oggetti ohra affini, mibjugha u kkunsenjati lill-istess socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici ;

Illi permezz ta' sentenza taghha tal-ewwel ta' Gunju elf disa' mija u disgha u disghin moghtija fl-ismijiet premessi, din il-Qorti fil-kontumacja tar-ritrattanti laqghet it-talba ta' Visage Limited fuq imsemmija ;

Illi l-imsemmija sentenza giet moghtija minn Qorti li m'ghandiex gurisdizzjoni skond id-dispozizzjonijiet ta' paragrafu (a) tal-artiklu 741 ta' Kap 12; billi r-ritrattant, f'dik il-kawza konvenut, minn dejjem kien u ghadu jirrisjedi fil-gzira ta' Malta u qatt ma kellu r-residenza tieghu fil-gzira ta' Ghawdex; u billi wkoll l-ezekuzzjoni tal-pretiz kuntratt kienet kollha kemm hi fil-gzira ta' Malta ;

Illi bla pregudizzju ghall-premessa precedenti, is-sentenza fuq imsemmija giet ottenuta permezz ta' qerq da parti ta' Visage Limited bi pregudizzju ghas-socjeta' ritrattanti; billi bbazata fuq premessi u provi inveritjeri u ghal kollox foloz; billi r-ritrattant gie indott mid-direttur ta' Visage Limited biex jibqa' kontumaci billi nfurmah, falzament, illi l-kawza fuq imsemmija kienet sejra tigi ceduta kif jidher bl-iktar mod car mid-Dikjarazzjoni tal-Fatti ta' din ic-citazzjoni; kif ukoll billi giet imqarrqa l-Qorti li ma nghatatx opportunita' li tigi a konjizzjoni tal-elementi kostuttivi tal-fatt li a bazi tieghu ghaddiet ghall-pronunzjament taghha ;

Illi ritrattant sar jaf bis-sentenza msemmija biss meta gie notifikat b'ittra ufficjali minn Visage Limited wara li kien ghadda t-terminu tal-appell ;

Illi ghalhekk intalbet ir-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza permezz ta' citazzjoni fl-ismijiet Gaps Spares and Services Limited versus Visage Limited ipprezentata fir-registru ta' dina l-Qorti fit-18 ta' Ottubru 1999 ;

Illi r-ritrattanti tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 823 ta' Kap 12 u tottjeni t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tal-imsemmija sentenza.

Illi s-socjeta' ritrattanti qeghda toffri garanzija bankarja li minghajr dubbju hija wahda idonea bhala garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza (Dokument GSS-01) jekk din ma tigix imhassra, maghdua dik il-garanzija kif imsemmija fis-subartiklu (10) tal-artiklu 266 tal-istess kap u l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju ikbar lis-socjeta' ritrattanti milli t-twaqqif tal-ezekuzzjoni jikkawza lis-socjeta' konvenuta kif jista' jigi ppruvat waqt is-smiegh ta' din il-kawza .

Talbet lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tordna t-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija,

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tas-socjeta konvenuta ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici kkonfermata bil-gurament ta' Joseph Falzon .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi :

1. It-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex l-attur ma gabx garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza a tenur tal-artikolu 832 (2) (a) .

2. It-talba attrici ghandha wkoll tigi michuda ghaliex ma jirrizultawx l-estremi li titlob il-ligi cioe' li l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lill-attur milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-konvenut .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' konvenuta kkonfermata bil-gurament ta' Serge Pascal Natoli .

Rat l-atti tal-kawza citazzjoni Numru 200/1998 fl-ismijiet inversi li giet deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Gunju 1999 u

li taghha ntalbet ir-ritrattazzjoni permezz tal-kawza ohra li thalliet ghal-lum ukoll ghas-sentenza .

Rat is-sentenza preliminari taghha tat-28 ta’ Gunju 2001 fil-kawza fl-istess ismijiet (Citaz. Nru. 170/1999) fejn laqghet it-talba tas-socjeta’ attrici ghar-ritrattazzjoni tal-kawza indikata .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Rat l-atti tal-kawza imsemmija : citazzjoni numru 170/1999 fl-istess ismijiet quddiem din il-Qorti wkoll, fejn hemm migbura xi provi rilevanti anke ghall-kawza prezenti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawza prezenti s-socjeta’ attrici qed titlob li din il-Qorti tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet : “Visage Limited vs Gaps Spares and Services Limited” deciza fl-1 ta’ Gunju 1999 .

Illi b’sentenza taghha tat-28 ta’ Gunju 2001 fil-kawza ghar-ritrattazzjoni ta’ din il-kawza, kienet giet revokata s-sentenza hawn imsemmija u ordnata r-ritrattazzjoni taghha .

B’sentenza finali fil-kawza “Gaps Spares and Service Limited vs Visage Limited” (Citaz. Numru . 170/1999) moghtija llum ukoll, giet michuda t-talba tas-socjeta’ Visage Limited ghall-kundanna tal-hlas ta’ l-ammont indikat fil-kawza originali .

Jirrizulta ghalhekk illi ma ghad baqa’ ebda bazi legali illi fuqu s-socjeta’ Visage Limited tista’ tinsisti ghall-esekuzzjoni tas-sentenza f’dik il-kawza.

F’tali cirkostanzi u per konsegwenza tad-decizjoni taghha ta’ llum moghtija fil-kawza imsemmija ghar-ritrattazzjoni, t-talba prezenti hija ghaldaqstant gustifikata u timmerita konferma .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi din il-kawza, billi tilqa’ t-talba attrici u tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet “Visage Limited vs Gaps Spares and Services Limited (Citaz. Nru. 200/1998) fil-1 ta’ Gunju 1999 .

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta Visage Limited .

S17999Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------